TRIBUNAL INDUSTRIJALI TA' MALTA

Decizjoni Nru. 27/78

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Joseph Cachia
u
Messrs Texas Garage (Texas Rent-A-Car Ltd)
dwar tkeccijja mill-impieg allegata li hi ngusta.

Chairman : G.A. Craig

Data 15 ta' Settembru, 1978

B'ittra tal-2 ta' Lulju, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irreferit lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 28 (2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kas huwa dwar tkeccijja ta' Joseph Cachia mill-Kumpanija Texas Garage tal-Gzira, tkeccijja li l-appellant jallega li kienet ingusta.

It-Tribunal zamm tlett seduti li fihom deher ghal Joseph Cachia is-sur Richard Matrenza D.Pol. Econ(Oxon) F.R.Econ.S., u ghat-Texas Rent-A-Car Ltd, is-sur Charles Mifsud, Managing Director tal-Kumpanija.

Statements of Case - Is-sur R. Matrenza sostna li t-tkeccija minn mal-Kumpanija ta' Joseph Cachia kienet ingusta u fil-fatt is-sur Joseph Cachia stess inqas ma kien infurmat ghal liema raguni gie mkecci. Fl-20 ta' Mejju, 1978, Joseph Cachia ircieva ittra minn ghand il-Managing Director tat-Texas Rent-A-Car Ltd. li kienet tghid hekk "This is to inform you that your services with the above Company are no longer required, with effect from today, May 20, 1978".

/.....

Il-Kumpanija ma tat l-ebda taghrif lil Joseph Cachia dwar ir-raguni ghal din it-tkeccija hesrem u ghalhekk ma kien hemm ebda raguni valida u sufficjenti li kienet timmerita dan il-kastig estrem. Joseph Cachia dejjem qeda dmiru mill-ahjar li seta', mhux biss ma'din il-Kumpanija, izda dejjem. Hu kien spicca minn ma' l-Air Force bi kliem ta' tifhir mill-Commanding Officer fejn hu kien id-driver personali tal-Commanding Officer.

Is-sur Charles Mifsud ghal-Kumpanija qal li n-negozju tal-Kumpanija jiddependi hafna fuq relazzjonijiet tajba mal-klijenti. Ix-xufier kien ir-rappresentant tal-Kumpanija u mil-manjieri tieghu kienet tiddependi jekk il-klienti jergghux juzaw u jirrikmandaw is-servizz tal-Kumpanija jew le. Ir-reputazzjoni tal-Kumpanija kienet tiddependi hafna fuq l-imgieba tax-xufier. Esebixxa ittra bid-data tal-11 ta' Novembru, 1977 ~~ghal~~ FUQ l-appellant, Joseph Cachia min ghand Messrs Thomas Cook fejn informaw lill-Managing Director tal-Kumpanija fuq "the extremely threatening behaviour of this driver.....this is not the first report I have had concerning his manner, especially with clients," u talbu "that you do not allow this driver to be involved with transfers or sightseeing arrangements involving our clients". Qal li dan il-kaz kien tefa dell ikrah hafna fuq il-Kumpanija ghax Thomas Cook kienu jirraprezentaw 80% (tmenin fil mija) tan-negozju tal-Kumpanija. Dan il-kaz kien gej irrappurtat Londra kieku ma kienx l-intervent personali tal-Managing Director tal-Kumpanija. Dan id-driver izda kien fuq il 'black list' ta' Thomas Cook.

Wara dan l-incident kien ittamat li l-appellant ser jiehu lezzjoni u jbiddel l-imgieba hazina tieghu. Izda dan ma tbiddilx u baqghu jircievu ilmenti fuqu min ghand turisti. Fl-20 ta' Mejju ircevew ilment iehor min ghand turist fejn irrimarka fuq l-imgieba arroganti tal-appellant. Dan il-klient kien ukoll ta' Thomas Cook u ghalhekk

/.....

il-Kumpannija ma setghetx tiehu aktar riskji u keccewh. Fil-fehma tal-Kumpannija kienu hadu riskju bizzejjed u ir-relazzjonijiet mat-turisti u ma' Thomas Cook kienu importantissimi u ma setghux jirriskjaw izjed li l-appellant ikun kagun ta' iktar hsara serja.

Is-sur Charles Mifsud esebixxa ittra li ggib id-data ta' 24 ta' Gunju, 1978, indirizzata lil-Direttur tax-Xoghol fejn, fost affarijiet ohra, ta ir-raguni tat-tkeccija ta' l-appellant f'dawn it-termini : "Reason for dismissal - After having received several reports from clients and other people with whom we have contacts about his behaviour, we cannot take any more risks, as this would only give us a bad image and eventually make us lose business. An example of the effect of his bad behaviour is given in a photocopy of a letter which is attached (esebita). Besides this occasion, I have had numerous other complaints from clients, guides, couriers and other people who make use of our services. You will appreciate that we could not continue to risk losing business in this manner, and consequently we decided to dismiss him".

<u>Sottomessjonijiet</u>   Ghall-appellant is-sur R. Matrenza qal li l-appellant qatt ma gie mwissi la fuq l-imgieba tieghu mal-klijenti u inqas fuq hag'ohra. Hadd il-lum ma jista' jkecci haddiem hesrem jekk m'hux fuq haga kriminali jew ta' gravita serjissima. It-Tribunal stess f'hafna awards sostnewh dan kif ukoll l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xoghol. L-appellant kien bniedem imtella f'dixxiplina militari u zgur li ma kien hemm ebda raguni gusta li ghaliha kellu jkun hemm tkeccija. L-anqas fuq l-ittra ta' Thomas Cook ma kien gie mwissi l-appellant minkejja l-fatt li l-incident kien kaz ta' 'misunderstanding'. Kien minnu li weza xi kliem iebes biex jiddefendi ruhu u lir-rappresentant tad-ditta Thomas Cook kien qallha "jekk tkompli hekk intik daqqa ta' harta" u kien ser imur igib lil-puluzija. Dan kien

/.....

kollu intesa u l-appellant kien iddispjacieh, izda dan kien seba xhur qabel ma gie mkecci l-appellant. Inqas matul dawn is-seba xhur ma kien hemm twissija wahda u ghalhekk tkeccijja zgur li l-appellant ma haqqux.

Is-sur Charles Mifsud ghal-Kumpanija sostna li l-kas ta' Thomas Cook ma kien misunderstanding xejn. Kien kas serju u spjega kif gara. Ir-rappresentant ta' Thomas Cook riedet tiehu hi l-kaz mal-puluzija ghax l-appellant ried jhebb ghaliha. Kien minnhu li ma ta qatt twissijja serja lill-appellant izda qallu li din l-affari kienet ser tispicca Londra. Kompla juza is-servizzi ta' l-appellant u kienu jircievu lmenti li ma kienx jghidlu bihom kull darba. Ir-relazzjonijiet tieghu mar-rappresentant ta' Thomas Cook ma kienux tajba u ma kienux jitkelmu. Kien fl-20 tax-xahar ta' Mejju meta xi hadd minn ta' Thomas Cook cempel u lmenta fuq l-appellant u deherlu li dan kien riskju li ma kienx gustifikat u, peress li ma kienx l-ewwel darba, iddecida li jkeccieh.

<u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal.</u> Ir-rappresentant tal-Kumpanija qal waqt is-sottomissjonijiet li ix-xoghol issa beda jonqos u li hadd ma issostitwixxa lill-appellant wara li tkecca. It-Tribunal irid izda jghamilha cara li milli sema u qara, l-appellant ma giex imkecci imhabba 'redundancy' imma mhabba l-imgieba tieghu u ghalhekk ragunijiet ta' 'redundancy' it-Tribunal eskludihom ghal kollox, ghax kieku kien ikollu jidhol halli jara u jezamina jekk gewx rispettati l-proceduri accettati min kullhadd dwar 'redundancy', u jekk hux veru li kien hemm 'redundancies' f' Mejju ta' din is-sena meta spicca l-appellant.

It-Tribunal isostni lli tkeccijja mill-post tax-xoghol hija haga li bl-ebda mod ma ghanda tinghata jekk mhux fuq haga gravi hafna u li fil-ghadd kbir tal-kazi ghandha tinghata wara twissija jew izjed min wahda, preferibbilment mill-Management bil miktub izda dejjem mill-Management, u quddiem xhud jekk tkun bil fomm. Hemm kazi li tkeccija tista' issir hesrem u dawn il-kazi huma dejjem miktubin fil-'collective agreements' mat-'Trade Unions'

/.....

ghax ikunu kazi serji ferm.

Issa f'dan il-kas, certa serjeta kien hemm ghaliex tassew li l-imgieba hazina ta' driver setghet twassal ghal nuqqas ta' xoghol lill-Kumpanija. Kien il-kas li l-Management jaghti lill-appellant twissija u twiddiba serja u turieh il-gravita, (ghaliex zgur l-appellant ma kellux f'rasu x'konsegwenzi seta jkollu l-agir tieghu), tal-kas u ittieh ukoll l-opportunita li jiddefendi ruhu jew jispjega l-imgieba tieghu.

F'dan il-kas il-Management tal-Kumpanija naqas milli jaghmel dan u dan gie ammess waqt is-smiegh tal-kas, u hu ghal din ir-raguni biss, ghax dan kien nuqqas serju tal-Management, li t-Tribunal isib li f'dawn il-cirkostanzi setghu jittiehdu mizuri ohra ta' dixxiplina serja imma mhux ta' tkeċċijja.

Award. Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jordna li il-Kumpanija Texas Rent-A-Car Ltd. terga tuhu lura lil Joseph Cachia fl-impieg li kellu qabel, minn nhar it-Tnejn 18 ta' Settembru, 1978, bl-istess kondizzjonijiet li kellu qabel l-20 ta' Mejju, 1978. Iz-zmien bejn l-20 ta' Mejju u t-18 ta' Settembru, 1978, jitqies bhala perjodu ta' sospensjoni minghajr paga.

G.A. Craig
Chairman

S. Grech
Segretarju